REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1014

tal-25 ta' Ġunju 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operat fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) stabbilixxa l-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni, kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri u l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-EASA) għaddew informazzjoni lill-Kummissjoni li hi rilevanti fil-kuntest tal-aġġornament ta' dik il-lista tal-Unjoni. L-informazzjoni rilevanti ġiet ukoll ikkomunikata lil ċerti pajjiżi terzi. Fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni u l-verifiki mwettqa mill-Kummissjoni, il-lista tal-Unjoni issa għandha tiġi aġġornata.

(3) Il-Kummissjoni għarrfet lil kull trasportatur tal-ajru kkonċernat, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jistgħu jsawru l-bażi ta' deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni jew tibdel il-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni tal-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru imniżżel fil-lista tal-Unjoni.

(4) Lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati l-Kummissjoni tathom l-opportunità jikkonsultaw id-dokumenti li ressqu l-Istati Membri, jagħtu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 ([3]).

(5) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva aġġornamenti mingħand il-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 473/2006 ([4]), mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-istati tal-Angola, il-Botswana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Gabon, il-Ghana, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iran, il-Każakistan, il-Libanu, il-Libja, il-Madagascar, ir-Repubblika Islamika tal-Mauritania, il-Mozambique, il-Filippini, is-Sudan, it-Tajlandja, il-Jemen u ż-Żambja. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru rċieva wkoll informazzjoni mingħand il-Kummissjoni dwar l-Afganistan, il-Benin, ir-Repubblika tal-Guinea, ir-Repubblika Kirgiża, in-Nepal, il-Korea ta' Fuq, São Tomé u Príncipe, u t-Tajwan u ġie aġġornat mill-Kummissjoni dwar konsultazzjonijiet tekniċi mal-Federazzjoni Russa.

(6) L-EASA semgħet l-preżentazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Arju dwar ir-riżultati tal-analiżi tar-rapporti ta' verifika li għamlet l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili ("ICAO") fil-qafas tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("USOAP"). F'dan il-kuntest, tfakkret

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

l-importanza l-Istati Membri jagħtu prijorità lill-ispezzjonijiet fir-rampa tat-trasportaturi tal-ajru li ngħataw il-liċenzja mill-Istati u li fil-każ tagħhom l-ICAO tkun identifikat każijiet ta' Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza jew li fil-każ tagħhom l-EASA tkun ikkonkludiet li hemm nuqqasijiet sinifikanti fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza. Minbarra l-konsultazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, din il-prijoritizzazzjoni mistennija tippermetti l-kisba ta' informazzjoni ulterjuri dwar il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru li huma għandhom il-liċenzja f'dawk l-istati.

(7) L-EASA ippreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru r-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li saru skont il-Programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA") skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([1]).

(8) L-EASA aġġornat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li twettqu fi Stati milquta minn miżuri jew monitoraġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. L-EASA ippreżentat il-pjanijiet tagħha f'dan ir-rigward u pprovdiet informazzjoni fir-rigward ta' assistenza teknika u kooperazzjoni biex titjieb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-għan li jissolvew nuqqasijiet ta' konformità ma' standards internazzjonali applikabbli. L-Istati Membri kienu mistiedna jirrispondu għal dawk it-talbiet fuq bażi bilaterali f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-EASA. Dwar dan, il-Kummissjoni saħqet dwar is-siwi li tingħata informazzjoni lill-komunità tal-avjazzjoni internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-bażi tad-dejta Safety Collaborative Assistance Network tal-ICAO, dwar l-assistenza teknika li jagħtu l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha biex titjieb is-sikurezza tal-avjazzjoni madwar id-dinja.

(9) Il-Eurocontrol aġġorna lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru dwar il-qagħda tal-funzjoni ta' twissija tas-SAFA u dwar l-istatistika attwali għall-messaġġi ta' twissija għal trasportaturi tal-ajru projbiti.

It-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni

(10) Wara li l-EASA għarblet l-informazzjoni li ħarġet minn spezzjonijiet fir-rampa mwettqa fuq inġenji tal-ajru ta' ċertu trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni jew minn spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li għamlet l-EASA, kif ukoll minn spezzjonijiet u verifiki speċifiċi li għamlu l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, bosta Stati Membri ħadu ċertu miżuri ta' infurzar u għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru b'dawk il-miżuri. L-Estonja infurmat li l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Estonja wettqet verifika dwar it-trasportatur tal-ajru *AS Avies* u li s-sejbiet qed jiġu indirizzati mit-trasportatur tal-ajru.

(11) L-Istati Membri tennew li kienu lesti jaġixxu bix-xieraq jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni mal-istandards xierqa tas-sikurezza.

Trasportaturi tal-ajru mill-Angola

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2011 ([2]), jippermetti lil *TAAG Angola AirlinesTAAG Angola Airlines* iċċertifikat f'Angola, biex jopera fl-Unjoni b'erba' inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 737-700 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TBF, D2-TBG, D2-TBH u D2-TBJ, bi tliet inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 777-200 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TED, D2-TEE u D2-TEF, u b'żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 777-300 bil-marki tar-reġistrazzjoni D2-TEG u D2-TEH.

(13) Fil-21 ta' Novembru 2014, *TAAG Angola Airlines* ressqet applikazzjoni, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Angola (INAVI), biex iħżid inġenju tal-ajru ġdid tat-tip Boeing 777-300 mal-lista fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006. Wara stedina mill-Kummissjoni kemm l-INAVIC kemm *TAAG Angola Airlines* attendew laqgħa ta'

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1197/2011 tal-21 ta' Novembru 2011 (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 14). Ara partikolarment il-punti 26 sa 30 tal-premessi ta' dan ir-Regolament.

konsultazzjoni teknika fi Brussell fil-25 ta' Frar 2015 fejn il-qagħda attwali tas-sikurezza ġiet eżeminata bis-sħiħ fl-aspetti kollha tiegħu, inkluż fir-rigward taż-żieda ta' inġenji tal-ajru ġodda mal-flotta tat-*TAAG Angola Airlines*.

(14) L-INAVIC iffukaw l-isforzi tagħhom l-aktar fuq l-allinjament tal-qafas legali mal-ħtiġijiet internazzjonali, it-titjib tal-infrastruttura (kopertura radju tat-territorju tagħhom) u t-tisħiħ ta' rekwiżiti ta' liċenzjar għall-persunal u l-organizzazzjonijiet kif ukoll għas-sorveljanza tal-operaturi eżistenti. Peress li din l-aħħar attività għadha ma tissodisfax kompletament l-istandards internazzjonali tas-sikurezza meħtieġa minħabba liċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi mhijiex b'saħħitha biżżejjed, m'hemmx lok għal illaxkar tal-projbizzjoni attwali fuq it-trasportaturi kollha ċċertifikati mill-INAVIC ħlief it-*TAAG Angola Airlines*. Il-Kummissjoni nnutat li, kien hemm titjib fil-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-INAVIC u *TAAG Angola Airlines*, b'laqgħat li jseħħu b'mod regolari biex jiġu diskussi l-aspetti kollha tal-operazzjonijiet tat-trasportatur bl-ajru.

(15) *TAAG Angola Airlines* taw tagħrif dwar it-tiġdid u l-espansjoni tal-flotta, bl-irtirar tal-ingenji tal-ajru B 737-200 u B 747-300 Combi u x-xiri ta' inġenji tal-ajru ġodda B777-200, B 777-300 u B 737-700, flimkien ma' enfasi qawwija fuq il-kwalità tal-operazzjonijiet, l-inġinerija u l-manutenzjoni u t-tkabbir. It-taħriġ tal-piloti ttejjeb b'mod sinifikanti bl-għajnuna ta' konsulenti esterni. Is-sikurezza ssaħħet aktar bl-introduzzjoni ta' mekkaniżmu tar-rappurtar tal-okkorrenzi mhux punittiv u anonimizzat. Din l-informazzjoni, flimkien ma' anliżi komprensiva tal-FDM (Monitoraġġ ta' Dejta tat-Titjir) issa qiegħda tintuża sistematikament sabiex tidentifikaw u tipprevjeni li jerġgħu jseħħu l-inċidenti tal-passat jew anomaliji u qed tiġi inkluża fil-programm ta' taħriġ tal-piloti.

(16) Fil-kuntest proċess ta' awtorizzazzjoni tal-operatur ta' pajjiż terz ("TCO") ([1]), *TAAG Angola Airlines* kienet involuta fi djalogu kontinwu mal-EASA sa minn Novembru 2014 u ilha tipprovdi dejta fattwali u ddettaljat dwar l-operazzjonijiet u l-flotta tagħha tal-inġenji tal-ajru, sabiex tilħaq ir-rekwiżiti tad-Dejta Avvanzata tal-Operatur ("AOD").

(17) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, qed jitqies li għandha tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex tkun tinkludi l-inġenji tal-ajru addizzjonali tat-tip Boeing 777-300 bil-marka ta' reġistrazzjoni D2-TEI ta' *TAAG Angola Airlines* fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 biex jitħallew joperaw fl-Unjoni.

(18) L-Istati Membri jridu jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva ta' *TAAG Angola Airlines*mal-istandards rilevanti tas-sikurezza, permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-inġenji tal-ajru ta' dan it-trasportatur tal-ajru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mill-Botswana

(19) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Botswana tat informazzjoni dwar il-progress tas-soluzzjoni lit-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza u s-sejbiet l-oħra tal-ICAO oħra permezz ta' ittra tat-30 ta' Jannar 2015. Intwera progress ulterjuri mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Botswana fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. L-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Botswana mħeġġa tfittex il-verifika mill-ICAO tar-riżoluzzjoni ta' każijiet ta' Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza.

(20) L-informazzjoni disponibbli dwar is-sikurezza ma ssostnix deċiżjoni li timponi projbizzjoni jew restrizzjonijiet operattivi fuq trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Botswana.Madankollu, il-Kummissjoni tqis li s-sitwazzjoni għadha tiġi mmonitorjata mill-qrib.

(21) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Botswana.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(22) It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 sa minn Marzu 2006 ([1]).

(23) B'ittra tas-27 ta' Mejju 2015, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-Autorité de l'Aviation Civile ("AAC"), infurmaw lill-Kummissjoni li ċ-Ċertifikati tal-Operaturi tal-Ajru tat-trasportaturi tal-ajru *Air Baraka*, *Biega Airways*, *Cetrac Aviation Service SPRL*, *Congo Express*, *GIS'AIR*, *Goma Express*, *GTRA*, *Katanga Express*, *Okapi Airlines*, *Patron Airways*, *Pegasus Aviation*, *Sion Airlines* u *Tracep Congo* ġew revokati u għalhekk dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(24) Fl-4 ta' Ġunju 2015, l-AAC pprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali li turi li ċ-Ċertifikati tal-Operatur tal-Ajru tat-trasportaturi tal-ajru *African Air Service Commuter*, *Air Castilla*, *Air Malebo*, *Armi Global Business Airways*, *Business Aviation*, *CHC Stellavia*, *Eagles Services*, *Ephrata Airlines*, *Filair*, *Fly Congo*, *Galaxy Kavatsi*, *International Trans Air Business*, *Jet Congo Airlines*, *Katanga Wings*, *Lignes Aériennes Congolaises*, *Mavivi Air Trade*, *Safe Air*, *Stellar Airways*, *Waltair Aviation* and *Wimbi Dira Airways* kienu ġew revokati u għalhekk dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(25) L-AAC infurmat ukoll lill-Kummissjoni li kienet inħarġet liċenzja tal-operatur lit-trasportaturi tal-ajru *Dakota SPRL*, *Malu Aviation*, *Serve Air* and *Congo Airways* mingħajr ma ntwera li ċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza ta' dan it-trasportatur tal-ajru jikkonformaw bis-sħiħ mal-istandards tas-sikurezza applikabbli. Dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom għalhekk jiżdiedu mal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(26) Skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar- Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies għalhekk li l-lista tal-Unjoni ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni għandha tiġi emendata biex tneħħi t-trasportaturi tal-ajru *African Air Service Commuter*, *Air Baraka*, *Air Castilla*, *Air Malebo*, *Armi global Business Airways*, *Biega Airways*, *Business Aviation*, *Cetrac Aviation Service SPRL*, *CHC Stellavia*, *Congo Express*, *Eagles Services*, *Ephrata Airlines*, *Filair*, *Fly Congo*, *Galaxy Kavatsi*, *GIS'AIR*, *Goma Express*, *GTRA*, *International Trans Air Business*, *Jet Congo Airlines*, *Katanga Express*, *Katanga Wings*, *Lignes Aériennes Congolaises*, *Mavivi Air Trade*, *Okapi Airlines*, *Patron Airways*, *Pegasus Aviation*, *Safe Air*, *Sion Airlines*, *Stellar Airways*, *Tracep Congo*, *Waltair Aviation* u *Wimbi Dira Airways* mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 u jiżdiedu t-trasportaturi tal-ajru *Dakota*, *Malu Aviation*, *Serve Air* u *Congo Airways* mal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

Trasportauri tal-ajru mill-Gabon

(27) It-trasportaturi tal-ajru *Air Services SA* u *SCD Aviation* ġew inkluħżi fl-Anness A sa minn Lulju 2008. It-trasportatur tal-ajru *Gabon Airlines* tħalla jopera sa minn Lulju 2008 fl-UE biss bl-inġenju tal-ajru tat-tip Boeing 767-200 bil-marki ta' reġistrazzjoni TR-LHP skont il-kunidzzjonijiet fil-premessa (15) tar-Regolament (KE) Nru 715/2008 ([2]).

(28) Fil-5 ta' Ġunju 2015, l-awtoritajiet kompetenti tal-gabon ipprovdew lill-Kummissjoni b'evidenza tar-revoka taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") tat-trasportaturi tal-ajru *Air Services SA*, *SCD Aviation* u *Gabon Airlines*, u għalhekk dawn it-trasportaturi tal-ajru għandhom jitneħħew mil-lista tal-Unjoni ta' trasportaturi tal-ajru soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq l-operat.

(29) L-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon għarrfu lill-Kummissjoni dwar il-ħruġ ta' AOC ġdid lit-trasportatur tal-ajru *Tropical Air Gabon* fis-6 ta' Mejju 2015 mingħajr ma ntwera li ċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza ta' dan it-trasportatur tal-ajru jikkonformaw bis-sħiħ mal-istandards tas-sikurezza applikabbli. Dan it-trasportatur tal-ajru għandu għalhekk jiżdied mal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14)

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 715/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 197, 25.7.2008, p. 36)

(30) Skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar- Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies għalhekk li l-lista tal-Unjoni ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni għandha tiġi emendata biex tneħħi t-trasportaturi tal-ajru *Air Services SA* u *SCD Aviation* mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, biex tneħħi t-trasportatur tal-ajru *Gabon Airlines* mill-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 u biex jiżdied it-trasportatur tal-ajru *Tropical Air Gabon* mal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

Trasportaturi tal-ajru mill-Gabon

(31) F'Settembru 2010, *Meridian Airways LTD* ġiet inkluża fl-Anness A tar- Regolament (KE) Nru 474/2006 ([1]). F'Settembru 2010 *Airlift International (GH) LTD* ġiet inkluża fl-Anness B tar- Regolament (KE) Nru 474/2006, u b'hekk inġenju tal-ajru partikolari wieħed biss tat-tip DC- 8-63F kien permess jopera fl-Unjoni. Iż-żewġ deċiżjonijiet irrżultawminn nuqqasijiet serji ta' sikurezza identifikati matul spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm SAFA. F'Novembru 2010, ġie vvalutat li *Airlift International (GH) LTD* setgħet toperaw inġenju DC-8 63F ieħor fl-Unjoni ([2]).

(32) Fil-5 ta' Frar 2014, id-Direttur tar-Regolamentazzjoni tas-Sikurezza tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Ghana ("GCAA") bagħat lill-Kummissjoni ċ-Ċertifikati ta' Dereġistrazzjoni tal-Inġenju tal-Ajru għal ċerti inġenji DC-8-63F inġenji tal-ajru rreġistrati fil-Ghana. Il-GCAA rrappurtat ukoll li kienet ħarġet direttiva teknika li tipprojbixxi l-użu ta' inġenji tal-ajru tat-tip DC-8 minn trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Ghana, li daħlet fis-seħħ fl-31 ta' Diċembru 2013. Din l-evidenza għandha titqies bħala konferma li l-Istat tal-Ghana ma baqax jappoġġja operazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru tat-tip DC-8 fuq ir-Reġistru Statali tal-Inġenji tal-Ajru tiegħu u bħala prova tal-implimentazzjoni ta' programm għat-tnaqqis tal-flotta tal-ajru li globalment qed tiqdiem.

(33) Fis-16 ta' Frar 2015, il-GCAA ġabet evidenza bil-miktub lill-Kummissjoni li l-GCAA kienet irrevokat iċ-Ċertifikati ta' Operatur tal-Ajru ta' *Meridian Airways LTD* u ta' *Airlift International (GH) LTD*. Laqgħa teknika bejn ir-rappreżentanti għoljin tal-GCAA, il-Kummissjoni u l-EASA saret fis-17 ta' Marzu 2015, u matulha l-GCAA tat dettalji dwar l-istruttura organizzattiva attwali tagħha, is-sorveljanza tagħha tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Ghana u l-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-operaturi tal-ajru. L-evidenza dwar ir-revoka ta' dawn iż-żewġ Ċertifikati tal-Operatur tal-Ajru u l-fatti ppreżentati matul il-laqgħa teknika tal-arranġamenti ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-GCAA tqiesu suffiċjenti biex jiġi konkluż li kienu waqfu l-operazzjonijiet minn *Meridian Airways LTD* u *Airlift International (GH) LTD*.

(34) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies għlahekk li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 jitneħħew *Meridian Airways LTD*, u biex mill-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 jitneħħew *Airlift International (GH) LTD*.

(35) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Indja

(36) Permezz ta' ittra tal- 24 ta' Diċembru 2014, id-Direttur Ġenerali Indjan tal-Avjazzjoni Ċivili ("DGCA") pprovda aġġornament lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu mid-DGCA fir-rigward tad-deċiżjoni ta' Jannar 2014 li ħadet l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti ("FAA") biex tbaxxi l-istatus ta' konformità tal-Indja minn kategorija 1 għal kategorija 2, skont l-awditu tal-International Aviation Safety Assessment (IASA) tal-FAA. Din l-ittra indikat ukoll li l-FAA kienet wettqet evalwazzjoni mill-ġdid tad-DGCA Indjan f'Diċembru 2014. Fit-8 ta' April 2015, il-FAA ħabbret l-aġġornament tal-istatus ta' konformità tal-Indja mal-awditu minn kategorija 2 għal kategorija 1.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 791/2010 tas-6 ta' Settembru 2010 (ĠU L 237, 8.9.2010, p. 10). Ara partikolarment il-punti 9 sa 23 tal-premessi ta' dan ir-Regolament.

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1071/2010 tat-22 ta' Novembru 2010 (ĠU L 306, 23.11.2010, p. 44). Ara partikolarment il-punti 29 sa 31 tal-premessi ta' dan ir-Regolament.

(37) Permezz ta' ittra tal-10 ta' April 2015 lid-DGCA Indjan, il-Kummissjoni, filwaqt li laqgħet id-deċiżjoni pożittiva li ħadet l-FAA biex taġġorna l-istatus tal-konformità mal-IASA tal-Indja, tenniet li lid-DGCA Indjan jeħtieġ tkompli timpenja ruħha mal-Kummissjoni fir-rigward tal-għoti ta' aġġornamenti regolari dwar it-twettiq mid-DGCA Indjan tal-obbligi internazzjonali tagħha ta' sikurezza u sorveljanza.

(38) Fis-7 ta' Mejju 2015 saru konsultazzjonijiet tekniċi bejn l-esperti tal-Kummissjoni, l-EASA, Stat Membru u rappreżentanti għoljin mid-DGCA Indjan. Il-laqgħa ppermettiet lid-DGCA Indjan jipprovdi dettalji dwar il-miżuri li ħa li wasslu għal titjib l-istatus tal-konformità mal-IASA tal-Indja minn kategorija 2 għal 1. Id-DGCA Indjana ta dettalji dwar il-pjan ta' azzjoni korrettiva li implimentat kif ukoll dettalji speċifiċi dwar miżuri sostenibbli li implimentat biex issaħħaħ il-kapaċità tas-sorveljanza tiegħu tas-sikurezza. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-informazzjoni pprovduta mid-DGCA Indjan. Ġie vvalutat li ma hemm bżonn ta' ebda projbizzjoni jew restrizzjonijiet fuq l-operat fuq it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Indja, iżda li aktar laqgħat tekniċi ikunu ta' benefiċċju biex kwistjonijiet relatati mas-sigurtà jkunu jistgħu jiġu diskussi fuq bażi kontinwa mad-DGCA Indjan.

(39) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Indja.

(40) L-Istati Membri jridu jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lit-trasportaturi tal-ajru Indjani skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mill-Indoneżja

(41) Konsultazzjonijiet regolari bejn il-Kummissjoni u d-Direttorat Ġenrali għall-Avjazzjoni Ċivili tal-Indoneżja ("DGCA") qed jissoktaw bil-għan ta' monitoraġġ tal-progress tad-DGCA tal-Indoneżja biex jiżgura li s-sorveljanza tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fl-Indoneżja tkun konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Wara l-verifika tal-ICAO ta' Mejju 2014, id-DGCA finalizza l-pjan ta' azzjoni korrettiva tiegħu. Id-DGCA bħalissa qiegħed fil-proċess li jlesti dawn l-azzjonijiet korrettivi.

(42) Fit-28 ta' Diċembru 2014, it-titjira QZ 8501 tat-trasportatur tal-ajru Indonesia AirAsiakellu inċident fuq il-Baħar ta' Ġava. L-inġenju tal-ajru ġġarraf u l-passiġġieri u l-ekwipaġġ kollha tilfu ħajjithom. Il-Kumitat Nazzjonali għas-Sikurezza tat-Trasport Indoneżjan wettaq l-investigazzjoni tal-inċident u rapport finali huwa mistenni qabel l-aħħar tal-2015.

(43) F'Jannar 2015, rappreżentanti tal-Kummissjoni żaru l-Indoneżja sabiex jiddiskutu r-riżultati mill-verifika tal-ICAO ta' Mejju 2014, sabiex jiġi żgurat li l-livell ta' sorveljanza tas-sikurezza ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru li ma għadhomx inklużi fil-lista tal-Unjoni tibqa' tali sabiex ma jkunx hemmx raġunijiet għall-inklużjoni tagħhom f'dik il-lista. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni ltaqgħu mal-Ministru Indoneżjan tat-Trasport u r-rappreżentanti mid-DGCA tal-Indoneżja, l-NTSC u mit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati. Dawk it-trasportaturi tal-ajru taw analiżi ġenerali tajba tas-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza tagħhom u l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(44) Permezz ta' ittra tal-31 ta' Marzu 2015, id-DGCA ta informazzjoni komprensiva dwar l-azzjonijiet korrettivi li għaddejjin biex jiġu solvuti l-problemi identifikati mis-sejbiet tal-ICAO. Barra minn hekk, id-DGCA ipprovda informazzjoni dwar is-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru kkonċernati. Wara l-analiżi tal-informazzjoni li ngħatat, il-Kummissjoni talbet aktar kjarifiki fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza fuq it-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja u l-lista attwali ta' detenturi taċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru fl-Indoneżja.

(45) Permezz ta' ittra tat-13 ta' Mejju 2015, ingħataw il-kjarifiki addizzjonali. Ġiet ipprovduta informazzjoni dwar il-programm ta' kontroll u sorveljanza tat-trasportauri tal-ajru li bħalissa huma eżentati mill-probizzjoni fuq l-operat, jiġifieri *PT. Garuda Indonesia, Airfast Indonesia, Ekspres Transportasi Antarbenua* u *Indonesia Air Asia*. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, ġie konkluż li d-DGCA qed iwettaq is-sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru u li ma hemm l-ebda informazzjoni rilevanti tas-sikurezza li tappoġġja deċiżjoni biex tiġi imposta mill-ġdid projbizzjoni fuq l-operat.

(46) F'din l-istess ittra, id-DGCA tal-Indoneżja għarraf lill-Kummissjoni li ċ-Ċertifikati ta' Operaturi tal-Ajru tat-trasportaturi tal-ajru *Mandala Airlines* (AOC No 121-005), *Merpati Nusantara Airlines* (AOC No 121-002), *Sky Aviation* (AOC No 121-028 u 135-044) u *Republik Express* (AOC No 121-040) kienu ġew irrevokati. Għalhekk, it-trasportatur *Mandala Airlines* għandu jitneħħa mil-lista ta' trasportaturi tal-ajru eżentati mill-Indoneżja u *Merpati Nusantara Airlines, Sky Aviation* u *Republik Express* għandhom jitneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(47) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni biex tneħħi t-trasportatur tal-ajru *Mandala Airlines* mil-lista ta' trasportaturi tal-ajru eżentati u tneħħi t-trasportaturi *Merpati Nusantara Airlines, Sky Aviation* u *Republik Express* mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

Trasportaturi tal-ajru mill-Iran

(48) It-trasportatur tal-ajru *Iran Air*, iċċertifikat millll-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, kien ġie inkluż fl-Anness B tar- Regolament (KE) Nru 474/2006 fit-30 ta' Marzu 2010 ([1]). Wara żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni, ir-restrizzjonijiet operattivi fil-flotta tal- *Iran Air* ġew speċifikati ulterjorment fil-5 ta' Lulju 2010 ([2]).

(49) *Iran Air* pprovdiet lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-flotta attwali tagħha, appoġġata minn dokumentazzjoni rilevanti. It-trasportatur tal-ajru talab li jkun eskluż l-inġenju tal-ajru tat-tip A320 mir-restrizzjonijiet operattivi sabiex ikun jistgħu jopera dawk l-inġenji tal-ajru lejn l-Unjoni. Madankollu, ma kienx possibbli sal-lum li tiġi vverifikata l-evidenza pprovduta permezz ta' laqgħa teknika u/jew ta' żjara ta' valutazzjoni fuq il-post. Għalhekk ma tistax tittieħed bħalissa deċiżjoni fir-rigward li tippermetti t-tħaddim ta' inġenji tal-ajru tat-tip A320 minn *Iran Air*.

(50) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Iran.

Trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan

(51) Il-Kummissjoni qed tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni min-naħa tal-Każakistan tal-Pjan ta' Azzjonijiet Korrettivi wara Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO ("ICVM") tal-2014 fil-pajjiż. Din l-ICVM ikkonfermat ir-riżoluzzjoni ta' preokkupazzjonisinifikanti dwar is-sikurezza fil-qasam tal-ajrunavigabbiltà u l-progress globali fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Madankollu, l-ICAO sabet nuqqasijiet serji fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru u saħansitra estendiet il-preokuppazzjoni sinifikanti dwar is-sikurezza relatata ma' dan il-qasam.

(52) Fis-27 ta' April 2015 saru konsultazzjonijiet tekniċi mal-Kumitat għall-Avjazzjoni Ċivili tal-Każakistan ("CAC") li tippermetti lil CAC jipprovdi lill-Kummissjoni b'aġġornament dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza u l-prijoritajiet tiegħu fuq żmien qasir u medju. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-CAC, tnedew ċerti azzjonijiet korrettivi. Azzjonijiet korrettivi oħra jinsabu f'diversi livelli ta' tlestija. Skont il-CAC, il-prijoritajiet tagħha għall- 2015 jinkludi l-introduzzjoni ta' proċess ta' Ċertifikazzjoni tal-Operaturi tal-Ajru b'ħames fażijiet: l-iżvilupp ta' proċeduri għal Approvazzjonijiet Speċjali; ir-reklutaġġ ta' persunal tekniku addizzjonali; l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programm ta' sorveljanza tas-sikurezza u pjan ta' spezzjoni; l-introduzzjoni ta' listi ta' kontroll ġodda għall-ispezzjonijiet u l-verifiki; it-taħriġ ta' spetturi u l- għoti ta' setgħa ċar lill-ispetturi biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom ta' sorveljanza u kontroll.

(53) Matul il-konsultazzjonijiet tekniċi t-trasportatur tal-ajru *Air Astana* informa li l-CAC wettaq iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportatur tal-ajru f'April 2015. Barra minn hekk, it-trasportatur tal-ajru pprovda aġġornamenti regolari dwar l-operazzjonijiet ta' titjir, ta' taħriġ u l-attivitajiet ta' manutenzjoni tiegħu.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 273/2010 tat-30 ta' Marzu 2010 (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 25). Ara partikolarment il-punti 41 sa 49 tal-premessi ta' dan ir-Regolament

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 590/2010 tal-5 ta' Lulju 2010 (ĠU L 170, 6.7.2010, p. 9). Ara partikolarment il-punti 60 sa 71 tal-premessi ta' dan ir-Regolament

(54) Matul il-konsultazzjonijiet tekniċi ta' April 2015, it-trasportatur *SCAT Air Company* informa wkoll lill-Kummissjoni li kien diġà għadda minn Verifika tas-Sikurezza Operazzjonali tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru u li t-trasportatur tal-ajru x'aktarx kellu jirċievi ċertifikat tal- Verifika tas-Sikurezza Operazzjonali tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru sal-aħħar tal-2015, jekk ir-rettifika ta' nuqqasijiet ta' konformità pendentitkun tlestiet b'suċċess.

(55) Fuq il-bażi tal-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha u d-diskussjonijiet li saru matul il-konsultazzjonijiet tekniċi, ġie konkluż li l-Każakistan ikompli jħabbat wiċċu ma' sfidi fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi bil-qawwa lill-CAC biex iżid l-isforzi tiegħu fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali ta' sikurezza bħala prekundizzjoni għall-Kummissjoni biex tqis favorevolment aktar illaxkar tar-restrizzjonijiet kif japplikaw bħalissa lit-trasportaturi tal-jru taħt sorveljanza CAC.

(56) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan.

(57) L-Istati Membri jridu jibqgħu jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lill-inġenji tal-ajru ta' *Air Astana* skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mil-Libanu

(58) Konsultazzjonijiet mad-Direttorat Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili ("DGCA") tal-Libanu għadhom għaddejjin, bil-għan li jikkonfermaw li l-Libanu qed jimplimenta l-pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie żviluppat bħala reazzjoni għas-sejbiet u t-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza bbażat fuq il-Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO ta' Diċembru 2012.

(59) Fid-9 ta' April 2015, il-konsulent tal-Ministru tat-Trasport fil-Libanu, waqt laqgħa fi Brussell, informa lill-Kummissjoni u l-EASA, dwar l-istabbiliment ta' Bord ta' Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili. Irrefera wkoll proposti għas-separazzjoni tal-funzjonijiet tassorveljanza tas-sikurezza mill-funzjonijiet tal-forniment tas-servizz, li bħalissa t-tnejn li huma organizzati fi ħdan id-DGCA tal-Libanu. Ġiet ipprovduta aktar informazzjoni dwar il-passi li ħa d-DGCA flimkien mal-ICAO. Kien hemm missjoni mit-Tim tas-Sikurezza tal-Uffiċċju Reġjonali tal-ICAO f'Marzu 2015 sabiex jiġi vverifikat il-progress tal-azzjonijiet biex jindirizzaw dan it-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza.

(60) Il-Kummissjoni tat, permezz tal-EASA, assistenza teknika għall-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali tas-sikurezza lid-DGCA tal-Libanu minn Settembru 2014 sa Marzu 2015, bħala segwitu għal proġett taċ-Ċellula Mediterranja tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni. Dawn l-attivitajiet għenu lid-DGCA tal-Libanu fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi, it-titjib tal-proċeduri interni tagħhom, manwali u gwidi u l-preparazzjonijiet tagħhom dwar struttura organizzattiva mtejba.

(61) L-informazzjoni disponibbli dwar is-sikurezza ma ssostnix deċiżjoni li timponi projbizzjoni jew restrizzjonijiet operattivi fuq trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Libanu. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni għandha tkompli tkum immonitorjata mill-qrib. Il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Libanu għandhom ikomplu skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(62) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mil-Libanu.

(63) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mil-Libja

(64) Il-Kummissjoni tibqa' mħassba dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Libja. Il-Gvern rikonoxxut mill-Unjoni ħatar awtorità kompetenti ġdida, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Libja ("LCAA"). Ċertu kompiti relatati mas-sikurezza tal-avjazzjoni, bħall-ħruġ ta' avviżi lill-membri tal-ekwipaġġ tal-inġenju tal-ajru ("NOTAM"), ġew assenjati mill-LCAA lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati oħra. Madankollu, l-awtorità kompetenti preċedenti, jiġifieri l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Libja ("LYCAA") qed tkompli topera u toħroġ NOTAMs apparti dawk maħruġa f'isem l-LCAA. Is-sikurezza tal-avjazzjoni tista' tiġi affettwata, minħabba li NOTAM maħruġ minn dawk l-organizzazzjonijiet, jekk tkopri l-istess spazju tal-ajru jew l-istess ajrudromi, jista' jinkludi informazzjoni konfliġġenti.

(65) Il-Kummissjoni stabbiliet kuntatti mal-LCAA, imma ma ngħatatilhiex informazzjoni utli u verifikabbli dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tas-superviżjoni tal-avjazzjoni ċivili jew l-istatus tas-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Libja.

(66) Minħabba l-qagħda preżenti insostenibbli u mhux ċara fil-Libja u l-kapċitajiet limitati tal- LCAA humiex kapaċi biex tissorvelja bix-xieraq it-trasportaturi tal-ajru Libjani u tikkontrolla r-riskji imminenti tas-sikurezza, jitqies li l-Libja ma tistax tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha fejn tidħol is-sikurezza tal-avjazzjoni.

(67) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mil-Libja.

Trasportaturi tal-ajru mill-Madagascar

(68) Issoktaw b'mod attiv il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Madagascar, Aviation de Civile de Madagascar ("ACM") sabiex jiġi monitorjat il-progress li sar biex dawn l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw is-sorveljanza tas-sikurezza ta' kull trasportatur tal-ajru ċċertifikat fil-Madagascar f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(69) Fit-28 ta' April 2015, il-Kummissjoni bl-għajnuna tal-EASA organizzat laqgħa ta' konsultazzjoni mal-ACM u mar-rappreżentanti tat-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar*. F'din il-laqgħa, l-ACM u t-trasportatur tal-ajru taw informazzjoni dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni korrettiva u preventiva rispettivi tagħhom, mwettqa sabiex jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet ta' sikurezza li tqajmu waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tal-UE fil-Madagascar fi Frar 2014

(70) B'mod partikolari, l-ACM irrappurtaw dwar il-progress li sar fit-taħriġ tal-ispetturi tagħhom imwettaq fil-qafas ta' programm ta' assistenza teknika tal-ICAO (SAFE), u indikaw li jikkunsidraw li l-ispetturi kwalifikati attwalment kienu rċevew fiż-żmien tal-laqgħa madwar 65 % tat-taħriġ meħtieġ biex jippermettu l-ACM jilħqu livell aċċettabbli ta' rendiment fit-twettiq tal-obbligi tas-sorveljanza tagħhom. Filwaqt li l-programm ta' sorveljanza tal-2014 twettaq bl-għajnuna ta' terzi, l-ACM kienu fiduċjużi li l-programm ta' sorveljanza tal-2015 kien se juri l-kapaċità tagħhom li jwettqu l-obbligi ta' sorveljanza tagħhom. L-ACM infurmaw ukoll li dan l-aħħar iddeċidew li jissospendu ċ-Ċertifikat tal-Operaturi tal-Ajru at-trasportaturi bl-ajru aeromarine, *Aeromarine*, *Henri Fraise Fils Transport Aérien* u *Insolite Travel Fl* kif ukoll l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ Ecole Nationale d'Enseignement de l'Aéronautique et de la Météorologie. L-ACM fl-aħħar nett enfasizzaw li l- evalwazzjoni tal-ICAO barra mis-sit tal-elementi kritiċi 1 sa 5 ta' sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza kienet għadha għaddejja u li din l-evalwazzjoni għandha titlesta f'Lulju 2015.

(71) Barra mill-informazzjoni dwar il-pjan preventiv u korrettiv tagħha, it-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* pprovda aktar dettalji dwar l-evoluzzjoni tal-flotta tiegħu u b'mod partikolari informa l-akkwist tat-tielet inġenju tal-ajru tat-tip ATR 72-600 kien qed jiġi kkunsidrata u li żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 737-300 kienu skedati li jiġu sostitwiti minn inġenji tal-ajru tat-tip Boeing 737-700 fir-raba' kwart tal-2015.

(72) Il-Kummissjoni ħadet nota tal-informazzjoni pprovduta mill-l-ACM u t-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar*. Il-Kummissjoni laqgħet il-progress li għamlu l-ACM u t-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* billi stabbilew proċessi ġodda jew tejbu dawk eżistenti. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa għaż-żewġ

organizzazzjonijiet li jkollhom il-kapaċità jimplimentaw b'mod effettiv dawn il-proċessi. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li jsir progress pass pass u li jiġu evitati proċessi li huma biss parzjalment implimentati, kif ġie nnutat waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fil-Madagascar fi Frar 2014.

(73) Fit-8 ta' Mejju 2015 l-ACM infurmaw lill-Kummissjoni li t-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* talba biex l-inġenji tal-ajru tat-tip Airbus A 340-300 bil-marka tar-reġistrazzjoni 5R-EAA jiżdied mal-lista ta' inġenji tal-ajru tal-kumpanija li diġà ssemmew taħt l-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(74) Fitd-29 ta' Mejju 2015, il-Ministru tat-Turiżmu, it-Trasport u l-Meteoroloġija mill-Madagascar, esprima x-xewqa li s-sitwazzjoni taż-żewġ inġenji tal-arju tat-tip Airbus A 340-300 tiġi vvalutata mill-ġdid waqt il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru f'Ġunju 2015. Madankollu, jekk il-proċess ta' rivalutazzjoni tat-tneħħija potenzjali tat-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* mill-Anness B għar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ma jkunx jista' jitlesta qabel il-laqgħa ta' Ġunju 2015, kien se jappoġġja t-talba magħmula mit-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar* għall-inklużjoni ta' inġenju tal-ajru tat-tip Airbus A 340-300 bil-marka tar-reġistrazzjoni 5R-EEA fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(75) Fid-dawl tas-serjetà tas-sejbiet li tqajmu waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tal-UE fil-Madagascar f'Frar 2014, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonijiet li jippermettu din l- inklużjoni essenzjalment mhumiexdifferenti mill-kundizzjonijiet li jeħtieġu jintlaħqu biex jitneħħa -trasportatr tal-ajru *Air Madagascar* mill-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006. Ir-rieżami tal-informazzjoni pprovduta milll-ACM u t-trasportatur tal-ajru *Air Madagascar*, wara l-laqgħa tat-28 ta' April 2014, bil-għan li tiġi appoġġata l-inklużjoni tal-inġenju tal-ajru tat-tip Airbus A340-300 bil-marka tar-reġistrazzjoni 5R-EAA fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ma turix li dawn il-kundizzjonijiet intlaħqu.

(76) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Madagascar.

Trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Islamika tal-Mauritanja

(77) Fl-24 ta' Frar 2015, saret laqgħa teknika fi Brussell bejn il-Kummissjoni, l-EASA, bosta Stati Membri u l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Mauritanja, l-Agence Nationale de l'Aviation Civile, kif ukoll it-trasportatur tal-ajru *Mauritania Airlines International* ("MAI"). L-Agence Nationale de l'Aviation Civile ppreżentat is-sitwazzjoni tas-sikurezza fil-Mauritania u l-Pjan tal-Istat għas-Sikurezza u enfasizzat ir-riżultati tajbin tagħha tal-verifika tal-ICAO li wasslet għal livell għoli ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Il-MAI spjegat kif irreaġixxiet għall-aħħar sejbiet tas-SAFA u ħabbret li se tgħaddi mill-proċess ta' reġistrazzjoni għall-Verifika tas-Sikurezza tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru. Il-MAI kkonfermat li, għal raġunijiet ekonomiċi, kienet waqfet milli ttir lejn ċerti destinazzjonijiet tal-Unjoni u li bihsiebha tiżviluppa netwerk reġjonali b'kooperazzjoni ma' trasportatur tal-ajru tal-Unjoni. Konsegwentement, il-MAI iddeċiediet ukoll li jibdel il-kompożizzjoni tal-flotta sabiex topera ajruplani iżgħar bi skeda b'livell ogħla ta' frekwenzi ta' titjiriet.

(78) L-aħħar analiżi tas-SAFA pprovduta mill-EASA indikat titjib fis-sens li saru anqas sejbiet waqt l-ispezzjonijiet tas-SAFA fl-Unjoni, għalkemm ġie enfasizzat minn xi Stati Membri li l-introduzzjoni ta' tip ġdid ta' ajruplan fil-flotta tal-MAI, l-Embraer ERJ 145, kienet għadha ma twettqitx b'mod sodisfaċenti. Mill-10 sal-14 ta' Marzu 2015, saret fi Nouakchott il-pre-Verifika tas-Sikurezza tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru dwar is-Sikurezza Operazzjonali. The Agence Nationale de l'Aviation Civile a u l-MAI ipprovdew lill-Kummissjoni bir-riżultati preliminari ta' din il-verifika minn qabel. Fuq dik il-bażi, jidher li hemm implimentazzjoni aċċettabbli tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u ma hemmx elementi li jindikaw l-eżistenza ta' nuqqasijiet ta' sikurezza partikolarment allarmanti.

(79) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania.

(80) Jekk xi informazzjoni rilevanti tas-sikurezza turi li jkunu jeżistu riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni ulterjuri f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Możambique

(81) Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO saret f'Novembru u Diċembru 2014 biex tivvalida l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiva tal-awtoritajiet kompetenti tal-avjazzjoni ċivili fil-Możambique, l-Instituto de Aviação Civil de Moçambique ("IACM"). Il-Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO kopriet l-oqsma tal-leġiżlazzjoni tal-avjazzjoni ċivili fil-Możambique, l-organizzazzjoni interna tal-IACM, l-ajrudromi u l-għajnuniet fuq l-art u s-servizzi tan-navigazzjonijiet bl-ajru fil-Możambique. Ir-rapport dwar din il-Missjoni ta' Validazzjoni Koordinata tal-ICAO ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal- fil-5 ta' Mejju 2015.

(82) Filwaqt li ġie rikonoxxut il-progress miksub milll-IACM fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO kif ukoll l-isforz tal-IACM lejn it-tlestija tal-ħidma tagħha biex tistabbilixxi sistema tal-avjazzjoni konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, kien maħsub preċedentament li qabel kien previst li missjoni tal-UE ta' valutazzjoni tas-sikurezza tista' ssir fl- 2015.

(83) Il-missjoni ta' valutazzjoni tal-Unjoni fil-Możambique sarer f'April 2015, bil-parteċipazzjoni tal-esperti mill-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri. L-oqsma li ġew ivvalutati kienu l-leġiżlazzjoni primarja dwar l-avjazzjoni u r-regolamenti tal-avjazzjoni ċivili, l-organizzazzjoni interna tal-IACM, il-liċenzjar u t-taħriġ tal-persunal, is-superviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru u s-sorveljanza tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru.

(84) Il-missjoni ta' valutazzjoni tal-Unjoni għamlitha ċara li l-qafas legali stabbilit fih numru ta' devjazzjonijiet minn standards internazzjonali ta' sikurezza. L-att bażiku rivedut dwar l-avjazzjoni, li jinkorpora bidliet li se jsolvu dawn id-devjazzjonijiet identifikati, qed jistennew l-approvazzjoni tal-gvern. Hemm fis-seħħ regolamenti legali u tekniċi speċifiċi, iżda jonqoshom il-kompletezza u l-konsistenza. L-Istatuti riveduti tal-IACM, li jikkonferixxi l-awtonomija finanzjarja u operattiva meħtieġa lill-IACM u jirrisolvu nuqqasijiet identifikati f'dan il-qasam, qegħdin ukoll jistennew l-approvazzjoni tal-gvern. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tar-reklutaġġ tal-persunal tlesta u xi whud mill-modifiki organizzattivi ppjanati ġew implimentati, parti sinifikanti tal-fażi ta' implimentazzjoni li baqa' għad trid tiġi kompluta.

(85) Il-missjoni ta' valutazzjoni tal-Unjoni identifikat ukoll dgħufijiet u nuqqasijiet f'diversi oqsma ta' ħidma tal-IACM, inklużi l-liċenzjar u t-taħriġ tal-persunal, is-superviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru. Lit-tliet operaturi li, permezz ta' kampjun rilevanti tal-Unjoni, sarulhom żjarat, it-tim ta' valutazzjoni tal-Unjoni identifika nuqqasijiet prominenti fiż-żamma tar-rekords, manwali inadegwati, mekkaniżmi organizzattivi laxki u prattiki foqra ta' manutenzjoni. Filwaqt li xi whud minn dawn huma kompletament taħt ir-responsabbiltà tal-operatur, ħafna minnhom jistgħu jitqiesu bħala sinjal ta' nuqqas ta' awtorità xierqa ta' sorveljanza.

(86) Min-naħa l-oħra, l-IACM wera impenn sod biex ikompli jaħdem lejn l-għan aħħari tiegħu li jasal għal sistema tal-avjazzjoni konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, u jkompli jgawdi mill-appoġġ u l-approvazzjoni sħaħ tal-gvern. Madankollu, l-IACM ser jeħtieġ ukoll gwida professjonali, kompetenti u imparzjali għall-perjodu li jmiss. Il-Kummissjoni qed tħejji, mal-IACM u l-EASA, l-għoti ta' din l-assistenza teknika, bil-għan li jissolvew in-nuqqasijiet li baqa' u tikkonkludi l-proċess tal-bini tal-kapaċità interna neċessarju biex tintlaħaq is-sostenibbiltà meħtieġa.

(87) Il-missjoni ta' valutazzjoni tal-Unjoni ppermettiet lill-Kummissjoni tikkonkludi li, filwaqt li l-IACM wera progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza, jibqgħu nuqqasijiet importanti fis-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza fil-Mozambique. Il-kapaċità tal-IACM li tissorvelja l-attivitajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Mozambique, f'dan l-istadju, mhix f'livell suffiċjenti skont l-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Għalhekk ma hemmx evidenza biżżejjed biex tappoġġja deċiżjoni dwar il-laxkar tal-projbizzjoni tal-operat tat-trasportaturi bl-ajru kollha li huma ċċertifikati fil-Możambique.

(88) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Mozambique.

Trasportaturi tal-ajru mill-Filippini

(89) F'Marzu 2010, it-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika tal-Filippini ġew inklużi fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([1]), abbażi ta' evidenza vverifikata ta' nuqqas ta' ħila tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza ta' dawn it-trasportaturi tal-ajru biex jindirizzaw nuqqasijiet ta' sikurezza. Kien hemm ukoll nuqqas ta' evidenza ta' konformità ma' standards internazzjonali applikabbli tas-sikurezza u mal-prassi rakkomandata min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fir-Repubblika tal-Filippini,

(90) F'Lulju 2013, it-trasportatur tal-ajru *Philippine Airlines* tneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ([2]). F'April2014, it-trasportatur tal-ajru *Cebu Pacific Air* tneħħa mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 ukoll ([3]). Iż-żewġ deċiżjonijiet kienu bbażati fuq żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post f' Ġunju 2013, is-sorveljanza mtejba tas-sikurezza pprovduta mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Filippini (CAAP) ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru u l-kapaċità ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru li jiżguraw konformità effettiva mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. F'April 2014, l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti ħabbret id-deċiżjoni tagħha li taġġorna l-istatus ta' konformità tal-Filippini minn kategorija 2 għal kategorija 1 fir-rigward tal-programm ta' verifika tagħha tas-Sikurezza Internazzjonali ta-Avjazzjoni.

(91) Fl-10 ta' Marzu 2015 saru konsultazzjonijiet tekniċi bejn l-esperti tal-Kummissjoni, l-EASA, Stat Membru u rappreżentanti għoljin mis-CAAP, kif ukoll tliet trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini, jiġifieri *Zest Airways Inc. (Dba "Air Asia Zest"), Air Philippines Corporation* u *South East Asian Airlines (SEAir) Inc.* Is-CAAP tat aġġornament dwar it-titjib organizzattiv li għaddej, inkluża r-riorganizzazzjoni tas-Servizz tal-Ispettorat tal-Istandards tat-Titjir tagħha u dettalji ta' taħriġ għal Spetturi tas-CAAP. Barra minn hekk, is-CAAP tat dettalji dwar is-sorveljanza tas-sikurezza li twettaq fuq it-trasportaturi tal-ajru *Air Asia Zest, Air Philippines Corporation* u *South East Asian Airlines (SEAir) Inc.* Fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza li tagħti s-CAAP, id-dettalji ppreżentati fil-laqgħa inkludew il-programm ta' Spezzjonijiet Annwali Minimi Meħtieġa skedati għal kull trasportatur kif ukoll dettalji speċifiċi ta' attivitajiet ta' sorveljanza li għandhom x'jaqsmu ma' kull wieħed minnhom. Waqt il-laqgħa, is-CAAP tat ukoll aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-Programm Statali tal-Filippini għas-Sikurezza. Dan l-aġġornament inkluda informazzjoni speċifika fir-rigward tal-Programm Statali tal-Filippini għas-Sikurezza tar-Runway, inkluż il-programm relatat ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni. Is-CAAP ta wkoll aġġornament dwar l-investigazzjoni ta' ħruġ mir-runway ta' inġenju tal-ajru ta' *Air Asia Zest* li seħħ fit-30 ta' Diċembru 2014.

(92) Fl-10 ta' Marzu 2015, konsultazzjonijiet tekniċi ma' *Air Asia Zest, Air Philippines Corporation* u *South East Asian Airlines (SEAir) Inc* spjegaw il-funzjonament tal-operazzjonijiet rispettivi tagħhom. L-informazzjoni pprovduta minn kull trasportatur bl-ajru inkludiet dettalji dwar l-istruttura organizzattiva u l-operat tad-dipartimenti tal-Kwalità u s-Sikurezza individwali tagħhom. Informazzjoni speċifika inkludiet tagħrif dwar il-flotta attwali, il-mitigazzjoni tat-thassib dwar is-sikurezza f'kull trasportatur tal-ajru u dettalji tal-għoti ta' assigurazzjoni interna tal-kwalità. Barra minn hekk, kull trasportatur ippreżenta l-programmi individwali tiegħu tal-Monitoraġġ tad-Dejta tat-Titjir.

(93) Fuq il-bażi tal-evidenza ppreżentata matul dawn il-konsultazzjonijiet, żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post fil-Filippini ġiet organizzata f'April 2015. Esperti mill-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri ħadu sehem f'din iż-żjara ta' valutazzjoni. Iż-żjara ta' verifika saret fl-uffiċji tas-CAAP u, b'kampjun, għand bosta trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini, jiġifieri *Air Asia Inc, Air Asia Zest, Air Philippines Corporation, Island Aviation Inc, Magnum Air (Skyjet) Inc, South East Asian Airlines (SEAir) Inc* u *South East Asian Airlines (SEAIR) International*.

(94) L-evidenza mressqa waqt iż-żjara fuq il-post mill-Unjoni kienet tinkludi li s-Servizz tal-Ispettorat tal-Istandards tat-Titjiriet għandu 173 membru tal-istaff bil-kompitu dirett taċ-ċertifikazzjoni u s-sorveljanza. Mill-evidenza kampjunata ġie kkonfermat li l-ispetturi tal-Operazzjonijiet u l-Manutenzjoni prinċipali kellhom biżżejjed esperjenza biex jissorveljaw b'mod effettiv u li kienu rċevew taħriġ formali b'rabta mar-responsabbiltajiet tagħhom fejn tidħol is-sorveljanza. Biex jassisti lill-ispetturi fix-xogħol tagħhom fejn jidħlu r-responsabbiltajiet ta' sorveljanza, is-CAAP ipproduċiet għodda li tgħin fil-kompiti tal-ispettur, għodda li tinkludi ċekkjaturi strutturati biex jgħinu fil-kompitu tagħhom, dokumentazzjoni tas-CAAP li tgħin bħala gwida teknika, formoli ta' spezzjoni u dokumentazzjoni ta' referenza marbuta mas-sorveljanza.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 273/2010 tat-30 ta' Marzu 2010 (ĠU L 84, 31.3.2010, p. 25). Ara partikolarment il-punti 74 sa 87 tal-premessi ta' dan ir-Regolament.

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 659/2013 tal-10 ta' Lulju 2013 (ĠU L 190, 11.7.2013, p. 54). Ara partikolarment il-punti 80 sa 94 tal-premessi ta' dan ir-Regolament

([3]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 368/2014 tal-10 ta' April 2014 (ĠU L 108, 11.4.2014, p. 16). Ara partikolarment il-punti 102 sa 119 tal-premessi ta' dan ir-Regolament

(95) L-evidenza mressqa mis-CAAP waqt iż-żjara ta' eżaminazzjoni fuq il-post kienet tinkludi li biex jassisti bl-ippjanar tal-iskeda tal-Ispezzjoni Annwali Minima Mitluba, il-CAAP tutilizza bażi tad-dejta għar-rappurtar u l-ittraċċar tas-sorvjelnza fejn tidħol is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili (il-CASORT). Biex jippermetti li l-ispetturi individwali jimplimentaw skeda ta' sorveljanza strutturata, is-CAAP tippubblika "Linji Gwida għall-Programm Nazzjonali tas-Sorveljnza u l-Ispezzjoni". Dan id-dokument jinkludi l-għażliet ta'spezzjonijiet ifukati fl-eventwalità ta' detentur ta' AOC bi prestazzjoni baxxa. B'rabta maċ-ċertifikazzjoni u t-tiġdid ta' AOC, il-CAAP ippubblika "Manwal għaċ-Ċertifikazzjoni u l-Amminsitrazzjoni tal-Operaturi tal-Ajru". Waqt iż-żjara ta' eżaminazzjoni mill-Unjoni, ittieħed kampjun mill-fajls taċ- ċertifikazzjoni u t-tiġdid tal-AOC ta' 9 trasportaturi tal-ajru ċċertifikati, inklużi t-trasportaturi tal-ajru kollha li saritilhom żjara mit-tim ta' eżaminazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, ġew osservati l-ispetturi tas-CAAP proprju waqt sorveljanza speċifika. L-ippjanar u l-andament ta' din l-attività tqies sodisfaċenti.

(96) Permezz ta' kampjun rilevanti tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini, saru żjarat lil seba' trasportaturi waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq is-sit. Dan il-kampjun inkluda l-erba' l-akbar trasportaturi tal-ajru ċertfikati tal-Filippini li għadhom inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006. Iż-żjara rat li tivverifika il-medda tal-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Barra minn hekk, iż-żjara, skont il-kriterji komuni stipulati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, kellha l-għan li tagħmel valutazzjoni tar-rieda u l-kapaċità ta' kull wieħed minn dawn it-trasportaturi tal-ajru biex jindirizza nuqqasijiet ta' sikurezza. Il-konklużjoni ewlenija taż-żjarat lil dawn it-trasportaturi tal-ajru kinet li ma kienx hemm nuqqas ta' rieda u ġeneralmentl-ebda nuqqas ta' kapaċità biex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' sikurezza.

(97) Fir-rigward taż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post, fir-rigward tal-kriterji komuni kif stabbiliti fl-Anness għar-Regolament (KE) nru 2111/2005 ġie konkluż li l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Filippini għandha r-rieda u l-abbiltà li tindirizza n-nuqqasijiet ta' sikurezza u għandha ħila bizzejjed u biex timplimenta, u fejn meħtieġ, tinforza l-istandards internazzjoni relevanti tas-sikurezza, inklużi r-Regolamenti tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Filippini.

(98) Is-CAAP instemgħet mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fl-10 ta' Ġunju 2015, F'dik l-okkażjoni, permezz ta' kampjun relevanti, instemgħu ukoll tliet trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Filippini, (*Air Asia Zest, Air Philippines Corporation* and *Cebgo Inc,* li qabel kienet *South East Asian Airlines (SEAir) Inc*).]

(99) Is-CAAP ippreżentat lill-Kumitat l-istruttura organizzattiva tas-Servizz tal-Ispettorat tal-Istandards tat-Titjiriet, ipprovdiet id-dettalji tal-forza tax-xogħol eżistenti tagħha assenjata bil-kompiti tas-sorveljanza tas-sikurezza u pprovdiet stampa ġenerali tal-attività tal-avjazzjoni fil-Filippini. Irrappurtat li għandha responsabbiltà ta' sorveljanza għal 36 detendur tal-AOC u li kkategorizzat disgħa minnhom bħala operaturi ta' ajruplani kbar. Is-CAAP ipprovdiet ukoll sommarju tas-sorveljanza li skedat għall-2015 fir-rigward ta' tliet trasportaturi bl-ajru li ħadu sehem fis-smigħ. Barra minn hekk, is-CAAP saħqet fuq l-impenn tagħha tal-awtorità kompetenti tal-Filippini li tkompli bil-pjan direzzjonali tagħha ta' titjib kontinwu.

(100) Fil-preżentazzjoni tagħha, is-CAAP ipprovdiet sommarju tal-pjan ta' azzjoni korrettiv tiegħu fir-rigward tal-osservazzjonijiet li tqajmu mit-tim tal-UE ta' valutazzjoni waqt iż- żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post. L-azzjonijiet korrettivi ppreżentati jinkludu ffukar fuq ċerti kwistjonijiet prijoritarji bħat-tisħiħ tal-programm tat-taħriġ tal-ispetturi tas-CAAP, titjib tal-infrastruttura tat-teknoloġija tal-informazzjoni, miżuri kontinwi biex jitjieb is-sett ta' ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-ispetturi u impenn li tkompli bix-xogħol tagħha fuq l-istandardizzazzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza. Barra minn hekk, is-CAAP ipprovdiet dettalji speċifiċi fir-rigward ta' titjib fl-infrastruttura inklużi miżuri assoċjati mal-Programm tas-Sikurezza tal-Mitjar tal-Istat.

(101) L-*Air Philippines Corporation* ippreżentat dettalji dwar l-istruttura organizzattiva tagħha, il-pjanijiet tal-flotta tal-ajruplani tagħha, u dettalji dwar is-Sistema tal-Maniġment tas-Sikurezza tagħha. Irrappurtat fuq l-istruttura tal-laqgħat dwar is-sikurezza, l-irrappurtar u l-maniġment tas-sikurezza, il-programm tagħha dwar il-monitoraġġ tad-dejta tat-titjiriet inkluż dwar kif twettaq il-monitoraġġ ta' azzjonijiet mitiganti. L-Air Philippines Corporation ipprovdiet dettalji dwar il-funzjoni tagħha tal-assikurazzjoni tas-sikurezza u l-applikazzjoni tagħha tal-proċeduri tat-tibdiliet fil-maniġment. Barra minn hekk, it-trasportatur tal-ajru irrapporta dwar l-azzjonijiet ta' segwitu għall-osservazzjonijiet imqajma waqt iż-żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post

(102) *Cebgo Inc* ippreżentat dettalji tal-istruttura tal-maniġment tagħha, is-Sistema tal-Maniġment tas-Sikurezza, il-programm tal-prevenzjoni tal-inċidenti u s-sikurezza tat-titjiriet, il-programm tal-maniġment tad-dejta tat-titjiriet, is-sistemma tal-maniġment tal-kwalità u l-kontroll dwar l- ajrunavigabbiltà u l-manutensjoni. Id-dettalji jinkludu l-miri ta' sikurezza tagħha għall-2015 u l-evidenza tal-proċess tal-irrappurtar dwar is-sikurezza. *Cebgo Inc* irrappurtat il-ħames prijoritajiet ewlenin tagħha dwar is-sikurezza u l-azzjonijiet li ttieħdu fir-rigward tagħhom. Barra minn hekk, it-trasportatur tal-ajru ppreżenta sommarju tal-azzjonijiet ta' segwitu għall-osservazzjonijiet imqajma waqt iż- żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post.

(103) *Air Asia Zest* ippreżentat dettalji dwar il-flotta tagħha, l-istruttura organizzazzjonali tagħha, u d-dipartment tagħha dwar l-maniġment tas-sikurezza u l-kwalità. Id-dettalji jinkludu l-objettivi ta' livell għoli ta' skurezza, il-proċess tal-irrappurtar tas-sikurezza, u l-programm tal-analiżi tad-dejta tat-titjiriet kif ukoll il-ħames prijoritajiet ewlenin tagħha dwar is-sikurezza. Barra minn hekk, it-trasportatur tal-ajru ppreżenta sommarju tal-azzjonijiet ta' segwitu għall-osservazzjonijiet imqajma waqt iż- żjara ta' valutazzjoni tal-Unjoni fuq il-post.

(104) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, inklużi r-riżultati taż-żjara tal-Unjoni fuq il-post u l-informazzjoni mogħtija fis-smigħ quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, il-Kummissjoni tqis li s-CAAP għamlet titjib kontinwu fuq perjodu ma jaqtax. Qed jiġi rikonoxxut ukoll li s-CAAP qatt ma wriet ruħha mhux lesta tikkopera b'mod konsistenti mal-Kummissjoni u li s-CAAP hi trasparenti meta qed jirrikonoxxi li għandu jkompli jaħdem biex ikompli jiżviluppa l-proċeduri tiegħu dwar is-sorveljanza tas-sikurezza. Qed jiġi vvalutat li s-CAAP tista' tinħeles mir-responsabbiltajiet tagħha fejn tidħol is-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fil-Filippini. Waqt is-smigħ quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, il-CAAP intrabat li jikkopera b'mod sħiħ mal-Kummissjoni permezz ta' djalogu kontinwu dwar is-sikurezza, inkluż permezz ta' laqgħat addizzjonali, jekk u meta l-Kummissjoni tara l-bżonn tagħhom.

(105) Il-Kummissjoni nnutat li t-tliet trasportaturi tal-ajru ċċertifikati mill-Filippini u li mill-kampjun relevanti li ttieħed minnhom issejħu għas-smigħ quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, ħareġ li kienu ta' standard sodisfaċenti u huma lkoll f'qagħda li jipprovdu dettalji speċifiċi għat-twettiq sikur tal-operazzjonijiet rispettivi. Il-Kummissjoni tqis li hemm biżżejjed evidenza ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza li huma applikabbli u rrakkomandat xi prattiki lit-trasportaturi tal-ajru ċertifikati fir-Repubblika tal-Filippini.

(106) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li għandha tinbidel il-lista Komunitarja tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni għandha tiġi emendata biex tneħħi t-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika tal-Filippini mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(107) L-Istati Membri għandhom ikomplu jivverifikaw il-konformità effettiva mit-trasportaturi tal-ajru kollha tal-Filippini mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012. Jekk ir-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet, jew kull informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza ma jintlaħqux, il-Kummissjoni tkun imġieġħla tieħu azzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi bl-ajru mill-Federazzjoni Russa

(108) Il-Kummissjoni, l-EASA u l-Istati Membri baqgħu jsegwu mill-qrib il-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa u li joperaw fl-Unjoni, inkluż permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru lil ċertu trasportaturi tal-ajru Russi skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(109) Fit-23 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-EASA, iltaqgħet mar-rappreżentanti tal-Aġenzija Federali tat-Trasport tal-Ajru Russa (FATA). L-għan ta' din il-laqgħa kien li jiġu riveduti l-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru Russi waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tas-SAFA għall-perjodu bejn l-10 ta' Marzu 2014 u d-9 ta' Marzu 2015 u jidentifikaw każijiet li jeħtieġu attenzjoni speċifika. Matul il-laqgħa, il-FATA impenjat ruħha li ssegwi ċerti każijiet ta' nuqqas ta' konformità li kienu għadhom ma ġewx rettifikati sew u li taġġorna lill-Kummissjoni dwar l-istatus tagħhom qabel l-aħħar ta' Mejju.

(110) Il-FATA infurmat lill-Kummissjoni li, minħabba l-espansjoni tas-sistema SAFA, hija tissorvelja l-prestazzjoni tas-SAFA ta' trasportaturi tal-ajru Russi f'ċerti pajjiżi terzi wkoll. Il-FATA indikat ukoll li kienet ħatret spetturi ta' sikurezza ġodda biex jittrattaw ma' trasportaturi tal-ajru li jkollhom sejbiet miftuħa wara l-ispezzjonijiet skont il-programm SAFA. Il-FATA esprimiet l-aspettattiva li din is-sorveljanza se tkompli ttejjeb il-veloċità tar-reazzjoni u l-kwalità tal-azzjonijiet korrettivi tal-operaturi. Il-FATA aġġornat ukoll lill-Kummissjoni dwar l-aħħar sospensjonijiet u revoki taċ-ċertifikati tal-operatur tal-ajru taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

(111) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet i l-awtoritajiet Russi tal-avjazzjoni jew it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Federazzjoni Russa m'għandhomx għalfejn jidhru quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru.

(112) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Federazzjoni Russa.

(113) L-Istati Membri għandhom ikomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru tal-Federazzjoni Russa mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(114) Jekk dawn l-ispezzjonijiet juru riskji imminenti tas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards internazzjonali tas-sikurezza, il-Kummissjoni jkollha tieħu azzjoni kontra trasportaturi tal-ajru mill-Federazzjoni Russa f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mis-Sudan

(115) Abbażi ta' kuntatti regolari bejn l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Sudan (SCAA) u l-Kummissjoni, jidher li l-SCAA għamlet progress tajjeb rigward l-attivitajiet ta' superviżjoni tagħhom fir-rigward ta' trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fis-Sudan. L-SCAA infurmat ukoll lill-Kummissjoni li ċerti trasportaturi bl-ajru għamlu progress tajjeb fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(116) L-SCAA qablet li tilqa' żjara ta' valutazzjoni fuq il-post tal-Unjoni f'Ottubru 2015. Din iż-żjara ta' valutazzjoni hija ppjanata sabiex tiġi vverifikata l-informazzjoni pprovduta mill-SCAA u biex tinġabar informazzjoni addizzjonali biex issostni deċiżjoni possibbli fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fis-Sudan. Bħalissa m'hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli biex tappoġġja deċiżjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fis-Sudan.

(117) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mis-Sudan.

Trasportaturi tal-ajru mit-Tajlandja

(118) Awditu sħiħ sħiħa ta' Approċċ ta' Monitoraġġ Kontinwu tal-Programm tal-Verifika Universali tas-Sorveljanza tas-Sikurezza sar mill-ICAO fir-Renju tat-Tajlandja f'Jannar 2015. Ir-riżultat globali huwa li l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tas-sikurezza fit-Tajlandja huwa ferm inqas mill-medja dinjija. Abbażi tar-riżultati tal-awditjar, l-ICAO ħarġet Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza rigward iċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tal-ajru, inkluż l-awtorizzazzjoni ta' proċeduri operattivi speċifiċi. Id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili ("DCA") fit-Tajlandja ressaq pjan ta' azzjoni korrettiva lill-ICAO biex jindirizza s-sejbiet.

(119) Id-DCA avviċinaw l-Unjoni Ewropea u l-EASA biex jitolbu assistenza teknika sabiex jiksbu appoġġ għar-riżoluzzjoni tas-sejbiet li tqajmu mill-ICAO. Saret missjoni ta' assistenza teknika lit-Tajlandja f'April 2015 u assistenza u kooperazzjoni teknika oħra se tingħata fix-xhur li ġejjin.

(120) Abbażi tar-riżultati tal-verifika tal-ICAO u r-rakkomandazzjonijiet mill-missjoni ta' assistenza teknika, id-DCA Tajlandiż, flimkien mat-trasportatur tal-ajru *Thai Airways International*,ġew mistiedna għal konsultazzjonijiet tekniċi fi Brussell sabiex tinġabar informazzjoni addizzjonali fuq azzjonijiet korrettivi fil-qosor, fiż-żmien mezzan u fit-tul li d-DCA qed tieħu. Id-DCA Tajlandiż, flimkien mat-trasportatur tal-ajru *Thai Airways International*, laqgħu din l-istedina u pprovdew b'mod trasparenti kull informazzjoni mitluba qabel il-laqgħa.

(121) Waqt il-konsultazzjonijiet tekniċi, li saru fit-3 ta' Ġunju 2015, sew id-DCA sew *Thai Airways International* urew rieda ċara ħall-impenn u pprovdew kemm jista' jkun informazzjoni. ID-DCA saħaq li l-Gvern fit-Tajlandja kien konxju bil-kbir dwar l-importanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili u ntrabat li jipprovdi l-mezzi meċessarji biex itejjeb is-sistema tas-sorveljanza tas-sikurezza tad-DCA Tajlandiż, li daqlwaqt se jiġi orgnizzat mill-ġdid fl-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tat-Tajlandja, b'baġit miżjud konsiderevolment.

(122) *Thai Airways International* ippreżentaw b'mod ċar is-Sistema tagħhom għall-Ġestjoni tas-Sikurezza u l-Kwalità. It-trasportatur tal-ajru wera li kien kapaċi jiżgura konformità xierqa mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(123) Il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni disponibbli dwar is-sikurezza ma ssostnix deċiżjoni li timponi projbizzjoni jew restrizzjonijiet operattivi fuq trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fit-Tajlandja. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li s-sitwazzjoni għadha tiġi mmonitorjata mill-qrib.

(124) Għalhekk, skont il-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, jitqies li f'dan l-istadju m'hemmx raġunijiet biex tinbidel il-lista tal-Unjoni tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mit-Tajlandja.

(125) L-Istati Membri għandhom ikomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru tat-Tajlandja mal-istandards rilevanti tas-sikurezza bil-prijoritizzazzjoni ta' spezzjonijiet fir-rampa li jridu jsiru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

